PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.10665 – WAVERLY / TPG / ASIA HEALTHCARE HOLDINGS)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2022/C 114/06)

1. Fit-2 ta' Marzu 2022, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Waverly Pte. Ltd ("Waverly", Singapore), li tappartjeni għall-GIC Group,

— TPG Growth III SF PTE Ltd ("TPG", l-Istati Uniti tal-Amerka),

— Asia Healthcare Holdings Private Limited ("AHH", Singapor), ikkontrollata minn TPG.

Waverly u TPG se jakkwistaw kontroll bi sħab ta' AHH kollha kemm hi fis-sens tal-Artikoli 3(1)(b) u 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz tax-xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— Waverly: veikolu ta' investiment nominat tal-Grupp GIC, b'investimenti f'varjetà ta' setturi globalment. GIC Group tiġġestixxi portafoll globali diversifikat ta' investimenti fl-ekwità privata, kapital ta' riskju u fondi infrastrutturali, kif ukoll f'investimenti diretti f'kumpaniji privati,

— TPG: ditta tal-investiment li tiġġestixxi familja ta' fondi li tinvesti f'varjetà ta' kumpaniji permezz ta' akkwiżizzjonijiet u ristrutturar korporattiv,

— AHH: it-tħaddim ta' pjattaforma ta' investiment iffukata fuq kura tas-saħħa bi speċjalità waħda fl-Indja. L-attivitajiet tal-AHH jinkludu żewġ negozji ewlenin: (i) Maternità, katina ta' sptar ta' speċjalità li toffri servizzi ta' kura tas-saħħa primjum tal-maternità, tat-tfal u tal-fertilità madwar l-Indja; u (ii) Nova IVF, fornitur dedikat ta' IVF u soluzzjonijiet ta' fertilità fl-Indja.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]), jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stipulata f'dan l-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 ("ir-Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni sa mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja tiġi speċifikata dejjem:

M.10665 – WAVERLY / TPG / ASIA HEALTHCARE HOLDINGS

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permez tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË